# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.

**Il-Pulizija**
**[Spettur Joseph Mercieca]**
**[Spettur Spiridione Zammit]**

**vs**

**Sandro Mifsud**

**Kumpilazzjoni Numru: 286/12**

**Illum, 17 ta' Ottubru, 2016**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Sandro Mifsud detentur tal-karta tal-identita` numru 199673M.

Akkuzat talli fl-24 ta' Dicembru 2011, ghall-habta tad-9 p.m. u/jew fil-jiem ta' qabel gewwa Vjal Santa Lucija, Paola, flimkien ma' persuna ohra:

1. Ikkommetta serq ta' flus u/jew xi oggetti ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha' u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-detriment ta' Carmel Camilleri u/jew ta' persuni ohra;
2. Bla ordni skont il-ligi tal-awtorita` kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Carmel Camilleri kontra l-volonta` tieghu;
3. Filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta' serq, kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari;

Akkuzat ukoll talli fl-24  ta' Dicemrbu 2011, u/jew qabel kif ukoll wara din id-data, f'dawn il-Gzejjer:

4. Meta l-indirizz fuq il-karta tal-identita` tal-imputat ma baqax iktar validu jew, xort'ohra, ma baqax iktar korrett, minghajr dewmien, huwa naqas milli jirrapporta l-fatt lill-ufficjal awtorizzat u naqas milli jikkonsenja l-istess karta tal-identita` mhux korretta lil, u li jaghti dak it-taghrif kollu li jkun mehtieg minn, dak l-ufficjal;
5. Garr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strumenti li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;
6. U aktar talli kiser il-provediment tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza datata 16 ta' Awwissu 2010, (Magistrat Dr Doreen Clarke LL.D.) fejn l-istess Sandro Mifsud kien misjub hati ta' komplicita` f'serq u kien gie lliberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn; u
7. Finalment, akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li nstab hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata minn din il-Qorti bi procedura sommarja;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tikkonsisti f'allegat *hold up* li sar hdejn ic-cimiterju tal-Addolorata nhar it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Dicembru 2011 fejn il-vittma Carmel Camilleri ha lil certa Elaine Muscat li kien sab il-Marsa u li kienet prostituta, fejn dawn marru hdejn dan ic-cimiterju sabiex kif qal ben tajjeb l-ufficjal prosekutur fin-nota ta' sottomissjoni tieghu "sabiex jissodisfa z-zina tieghu" u malli dawn waqfu bil-karrozza, giet karrozza Ford Focus b'kemm timxi u fil-pront din Elaine Muscat u ragel li hareg mill-karrozza hadulu envelop li kellu circa elf u erba' mitt ewro kontanti (1,400). Dan kien gie identifikat sussegwentement mill-vittma bhala Sandro Mifsud li huwa l-imputat hawnhekk f'dawn il-proceduri.

Ikkunsidrat illi wara li semghet ix-xhieda principali u cioe` tal-vittma **Carmel Camilleri** li huwa x-xhud ewlieni tal-prosekuzzjoni thoss illi ghandha temmen din ix-xiehda mhux kif qalet id-difiza li din ghandha tigi skartata ghaliex huwa biddel il-verzjoni tieghu mal-pulizija u dan ghaliex tenut kont li l-vittma huwa mizzewweg u tenut kont li hadd ma jiehu gost jinqabad fil-fatt ma' prostituta, huwa kien ser ihalli din il-grajja warajh izda peress illi l-ID card tieghu kienet giet distrutta fit-taqbida mal-imputat, huwa kellu jiehu gurament x'kien gara.

Fil-fatt fix-xhieda tieghu bil-gurament Camilleri jghid illi l-mara tieghu kien ghadu ma qallha b'xejn u ghalhekk huwa kien iddecieda li ghall-ewwel jghid haga biex imbaghad sussegwentement qal il-verita` lill-ufficjal prosekutur.

Illi huwa jixhed illi dawn il-flus kien gabhom il-gurnata ta' qabel mill-insurance peress li huwa kien thallas minghandhom ta' *claim* li kellu ma' din il-kumpannija. Huwa jghid illi kellu xi erbatax-il mitt ewro (€1,400) u fejn dan kien ghamilhom go envelopp flimkien mal-ID card tieghu wara li sarraf ic-cekk u dan kien poggih fil-karrozza fil-kompartiment ta' hdejn is-sewwieq. Illi Camilleri jghid illi meta gie l-imputat li kien qed jippontalu turnavit, daret Elaine Muscat, hadet l-envelop u wara taqtiha li kellu mal-imputat u l-envelopp waqa' mal-art, huwa seta jirkupra parti mill-flus. Il-kumplament gabarhom l-imputat u baqa' sejjer bil-karrozza tieghu Ford Focus flimkien ma' Muscat. Illi l-fatt illi l-vittima, anke jekk ghal ftit sekondi, kien mizmum fil-karrozza tieghu meta dan kienet qed tigi ppuntat it-turnavit quddiemu, dan jikkostitwixxi r-reat ravvizat taht l-akkuza numru tnejn u dan a bazi ta' skorta ta' sentenzi tal-Qorti tal-Appell.

Illi din il-Qorti setghet tikkostata il-veracita` ta' dan wara li semghet rapprezentant tal-Bank of Valletta **Marico Sammut** illi kkonfema dan il-fatt u esebixxa l-immagini tac-cekk moghti lill-vittma li kien jammnta ghas-somma ta' elf, erba' mija u sebgha u sittin ewro (€1,467) u kien jaqbel mad-data li kien qal il-vittma fix-xiehda tieghu. Gie kkonfermat ukoll mix-xhud **Mary Tanti** mill-ufficcju elettorali illi il-karta tal-identita` tal-vittma kienet verament imqaccta kif kien xehed l-istess meta kien qed jirrakonta kif kien qed jissielet mal-imputat u din tqacctet.

Il-Qorti semghet ukoll xhud mill-ufficcju tal-ufficcju elettorali **David Muscat** illi xehed illi fiz-zmien tal-akkuza l-imputat kien registrat fuq indirizz gewwa San Pawl il-Bahar izda minn imkien ma giet ipprezentat l-ID card mertu ta' din l-akkuza u ghalhekk din il-Qorti ma thossx li ghandha bizzejjed provi ghaliha.

Finalment il-Qorti semghet ix-xhieda tal-imputat **Sandro Mifsud** illi huwa kien fil-post tar-reat b'kumbinazzjoni ghaliex kien qed ifittex lit-tfajla tieghu u bl-ebda mod ma temmen din il-verzjoni tal-imputat illi Elaine Muscat hadmet bil-volonta` unika taghha. Il-vittma xehdet kjarament illi l-imputat gie kkargat ghalih bit-turnavit u wara li ssielet mieghu irnexxielu jiehu xi flus milli kien hemm fl-envelopp u harab jigri flimkien ma' Elaine.

Illi rat ukoll is-serje ta' sentenzi moghtija minn din il-Qrati Kriminali fejn dawn jippruvaw ampjament l-akkuzi sitta (6) u sebgha (7).

Din il-Qorti qed taghmilha cara illi ghalkemm l-imputat wera fl-ahhar tal-proceduri d-disponibilita` li jidhol go programm ta' kontra d-dipendenza fuq id-drogi u fil-fatt dahal, ma tistax tinjora l-fatt illi l-imputat ghandu storja twila ta' reati ta' din ix-xorta u ghalhekk filwaqt illi m'ghandux jitlef il-beneficcju tal-programm, pero` xorta wahda l-imputat ghandu jerfa' r-responsabilita` ta' ghemilu. Jekk huwa ffukat li jeghleb din id-dipendenza, xorta wahda jista' jibqa hekk mill-habs.

Illi ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 49, 50, 86, 87(1)(e), 261, 262(1)(a)(b), 267, 270, 271(g), 275, 276, 277(a), 279(a), 280(2), 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u Artikoli 9, 6 u 55(a) tal-Kapitolu 480; u Artikolu 19 (1) tal-Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputat **Sandro Mifsud** hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u tikkundannah komplessivament ghal tlett (3) snin u nofs prigunerija hlief tar-raba' (4) akkuza li qed jigi liberat minnha fuq nuqqas ta' provi. Il-Qorti wara li rat illi l-imputat kien qed jaghmel programm kontra d-dipendenza fuq id-drogi tirrakkommanda lid-Direttur tal-Habs sabiex ma jtellfux dan il-beneficcju jekk dan ghadu ghaddej bih.

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**